**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMĦALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel., Mag. Jur. (Eur. Law)**

**Illum, 5 ta Dicembru 2023**

Rikors Numru: 546/23 AL

A B

vs

C D

(M.R. Numru 912/2008)

Il-Qorti;

Rat ir-rikors li ġie kkonfermat bil-ġuramentat mir-rikorrenti li permezz tiegħu ppremettie:

1. Illi l-partijiet iżżewġu nhar il-wiehed u ghoxrin ta' Gunjua tas-sena elfejn u tmienja (21/06/2008) mill-liema żwieġ huma kellhom wild E D B li twieled nhar it-4 ta' Frar 2018 (ara kopja taċ-Certifikat taż-żwieg hawn anness u mmarkat bhala Dok A);

2. Illi l-partijiet gew debitatment separati permezz tal-kuntratt ta' separazzjoni li jinsab fl-atti tan-Nutar Dr. Timothy Ellis datat 14 ta' Mejju 2021 (ara kopja tal-kuntratt mmarkat bhala Dok. B);

3. Illi in oltre, fi klawzola numru 2 tal-istess kuntratt, huma ddikjaraw li ma hemm l-ebda manteniment dovut lill-partijiet reciprokament, filwaqt li premezz tal-kwalzoli numru 7, ir-Ragel intrabat li jhallas s-somma ta' €270 bhala manteniment ghall-istess minuri liema manteniment dejjem thallas regolarment (ara Dok B);

4. Illi dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jissodisfaw il-kundizzjonijiet rikjesti mil-liġi ghall-ksib tad-divorzju skont l-Artikoli 66B et seq tal-Kodici Civili tal-Kap 16 Ligijiet ta' Malta;

Talbet lill-intimat jghid ghaliex din il-Qorti m’ghandhiex:

1. Tippronunzja l-hall taż-żwieġ bejn il-partijiet ai termini tal-Artikolu 66B et seq tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta.

2. Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex fiż-żmien li l-istess Qorti jogħġobha timponi jinnotifika lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-hall taż-żwieġ tal-partijiet sabiex dan tal-ahhar jirreġistra l-istess fiċ Ċertifikat taż-żwieġ tal-partijiet.

U dana taħt kull provvediment ieħor li l-istess jidhrilha li hu xieraq u opportun.

Rat id-dokumenti li ġew esebiti;

Rat id-digriet taghha tat-18 ta’ Ottubru 2023;

Rat l-affidavit bix-xiehda tar-rikorrenti;

Semghet lill-intimat prezenti fl-awla fuq domanda tal-Qorti jwiegeb li m’ghandu l-ebda oġġezjoni li jintlaqghu t-talbiet kontentuti fir-rikors promotur;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi il-Qorti rat ukoll illi ir-rikorrenti irnexxielha tissodisfa ir-rekwiziti kollha meħtieġa mill-Liġi sabiex żwieġ jiġi maħlul u dana peress illi ippruvat illi l-partijiet ilhom legalment separati mill-14 ta Mejju 2021;

Illi l-Qorti rat illi r-rikorrenti ippruvat ukoll illi ma hemm l-ebda prospett raġonevoli ta' rikonċiljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' ħlas ta' manteniment;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet fuq imsemmija, il-Qorti filwaqt tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-ħall taż-żwieġ bejn il-partijiet u tordna lir-Reġistratur tal-Qrati sabiex, fi zmien għaxart ijiem minn mindu s-sentenza ssir *res judicata*, javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jiġi reġistrat fir-Reġistru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqgħu bla taxxa bejn il-partijiet.

Il-Qorti qegħda takkorċja t-terminu tal-appell għal erbat ijiem.